**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 11 ta' Novembru 2022**

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Fabian Fleri)**

**(Spettur Lydon Zammit)**

**Vs**

**Shania D'Amato**

***Ommissis***

**Kump. Nru. 686/2022**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Shania D'Amato detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 195700L u *omissis*, fejn gew akkuzati talli:

1. Nhar id-29 ta' Novembru, 2019, ghall-habta ta' 10.45hrs minn gewwa Maltco Office li tinsab fi Triq il-Merluzz, San Pawl il-Bahar ittantaw li jisirqu ammont ta' flus liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), ghad-dannu ta' Tracy Louise Zahra u/jew persuna/i orha: *Artikoli 41(1)(a), 42, 261(a)(b)(c), 262(1)(b), 263(b), 267, 275 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommettew serq ta' mobile phone liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), ghad-dannu ta' Tracy Louise Zahra u/jew persuna/i orha: *Artikoli 41(1)(a), 42, 261(a)(b)(c), 262(1)(b), 263(b), 267, 275 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

**Lil Shania D'Amato wahedha nakkuzawha ukoll talli:**

1. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li tarresta lill-hati, arrestat, zammet jew issekwestrat lil Tracy Louise Zahra kontra l-volonta' taghha; *Artikoli 86, 87(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kisret il-provedimenti ta' probation order moghtija fil-konfront taghha b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. D. Frendo Dimech LL.D, datata

18 ta' Frar 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kisret il-provedimenti ta' probation order moghtija fil-konfront taghha b'sentenza tal-Qorti tal-Apell (Inferjuri), Mhallef Dr. Dr. Edwina Grima LL.D, datata 12 ta' Lulju 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi irrendiet ruhha ricediva ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu

**Lil *Ommissis* wahedha nakkuzawha ukoll talli:**

1. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi wattqet reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza li minnha giet illiberata bil-kundizzjoni la ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett snin moghtija fil-konfront taghha b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D, datata 13 ta' Frar 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi f'dawn il-gzejjer naqset milli thares il-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Rachel Montebello LLD fid-digriet taghha tal-31 ta' Jannar 2019 li bih tat il-helsien mill-arrest taht depozitu ta'

1,000 Euro u Garanzija Personali ta’ 10,000 Euro. *Artikoli 579(1)(2) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta*;

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputati, ihallasu l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet lill-Ufficjali Prosekuturi bil-gurament;

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tat-8 ta’ Marzu 2021 (ara *folio* 336) u l-kunsens ta` l-imputata sabiex din il-kawza tissokkta u tigi deciza bir-rit sommarju, kif moghti fl-udjenza tas-17 ta’ Jannar 2022 (ara *folio 353*);

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f’dan il-procediment;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputata fl-udjenza ta` llum stess u l-insistenza f’din l-ammissjoni wara li kienet inghatat iz-zmien skond il-Ligi sabiex tiirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputata iddikjarat li kellha bizzejjed zmien biex terga tirrikonsidra u li fehmet sewwa n-natura ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u li fehmet wkoll li l-ammissjoni taghha, kif fehmitha din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjonijiet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset sew l-atti, liema rizultanzi processwali jikkonfortaw sew din l-istess ammissjoni, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni taghha.

Illi in tema ta' piena din il-Qorti qed tqis, l-ammissjoni ta` l-imputata, anki jekk din mhijiex zgur wahda bikrija, u fuq kollox in-natura serja ta` l-imputazzjonijiet li ghaliehom l-imputata ammettiet.

**KONKLUZJONI.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 23, 23B, 23C, 31, 41(1)(a), 42, 43, 49, 50, 86, 87(1)(e), 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 275, 276, 277(b), 279(a), 280(2) u 467(2), rez applikkabli ghal-proceduri odjerni permzz tal-Artikolu 525(3), 532A, 533, 579(1)(2)(3) ilkoll Tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikoli 2, 7, 21, 22, 23 u 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta` Malta, issib lill-imputata <u>Shania D'Amato</u> hatja, fuq ammissjoni taghha stess, bala recidiva, ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra taghha u tikkundannaha komplessivament ghall-piena ta` <u>sentejn u nofs prigunerija</u>.**

Il-Qorti, bis-sahha tad-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kap 9, tordna lill-hatja sabiex thallas lir-Registratur tal-Qorti, nofs l-ispejjez skond il-Ligi.

Konsegwentement qed tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex issehh l-ezekuzzjoni ta` din l-Ordni skond il-ligi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur